MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 97/2011

Appell Nru: 97/2011

Il-Pulizija

[Spettur Louise Calleja]

[Spettur Carlos Cordina]

Vs

Michael Zarb

Illum 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Michael Zarb, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Gewwa Hal-Far, limiti ta' Birzebbuga u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Dicembru, 2009, u fil-gimghat ta' qabel :

1) Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li arresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Charmaine Fenech, kontra l-volonta`taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

2) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna tal-istess Charmaine Fenech.;

3) Offenda l-pudur jew il-morali, b'geghmil li sar  f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar, 2011, fejn il-Qorti Wara li wara li rat l-artikoli 86, 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-perjodu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta l-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-1 ta' Marzu, 2011 li bih talab  lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata  u tiddisponi minnha skond il-ligi u fl-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggrvju t-talba sussegwenti u relattiva ; in subsidium u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tibdel u tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Michael Zarb hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma haditx konjizzjoni tal-Artikolu 87(1)(g) u nfliggiet il-piena u minflok issibu hati tal-akkuzi kollha hekk kif dedotti kontrih u konsegwentement tinfliggi l-piena idoneja fil-konfront tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali li huma is-segwenti:

1. In-nullita` tas-sentenza :

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-validita` tas-sentenza appellata u fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti erogat sentenza li hija nulla minhabba li ma giex rispettat il-vot tal-Ligi indikat fl-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ;

Illi l-artikolu 382 msemmi jistipola is-segwenti:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

Illi jidher li l-appellat kien akkuzat mhux biss bis-sekwestru tal-persuna hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda inoltre, huwa kellu addebitat lilu wkoll ic-cirkostanza aggravanti kompriza fl-Artikolu 87(1)(g), liema cirkostanza tikkwalifika s-sekwestru tal-persuna kontemplat fl-artikolu antecedent;

Infatti, mill-istess sentenza jirrizulta li l-ewwel akkuza kienet propju talli fis-16 ta' Dicembru 2009 u fil-gimghat ta' qabel:

*'Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li arresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Charmaine Fenech, kontra l-volonta`taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;'*

Illi allura f'dan il-kuntest jinghad li l-artikolu 87(1)(g) huwa inkluz fir-reati dedotti kontra l-appellat;

Illi invista tal-fuq premess, l-esponent jirrileva illi nonostante` l-ammissjoni tal-akkuzi kollha li ngabu kontra l-appellat, fil-fatt, is-sentenza traskritta

ma tindikax li kien hemm sejbien ta' htija tal-akkuzi kollha dedotti u senjatament l-artikolu 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie skartat kompletament avolja kien rifless fl-akkuzi;

Illi dan huwa palesament kontra d-dispost tal-Artikolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li s-sentenza moghtija tonqos li tindika l-artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat relattiv, li f'dan il-kaz huwa l-artikolu 87 tal-Kap 9 u li tieghu instabet htija wkoll.

Illi dan jimporta n-nullita`, minhabba li kif spjegat fil-kawza fl-ismijiet *il-Pulizija vs Paul Cahcia*:

*'Illi qabel xejn , ghalkemm l-appellant ma adduca ebda aggravju dwar dan , din il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza ccitat biss l-artikoli tal-ligi taht il-Kap. 37 u taht l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud li jirrigwardaw biss is-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni w dana ghalkemm kienet sabet htija wkoll taht l-erba` imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra l-appellant li jaqghu taht ligijiet ohrajn . Issa dan dan in-nuqqas jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi indikat fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.'*

Il-Piena inflitta hija wahda illegali:

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju jirrigwarda specifikament il-piena inflitta u din hija, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, differenti minn dik preskritta bil-Ligi ghar-reati li dwarhom l-appellant instab hati;

Illi l-artikolu 86 jirrigwards s-semplici sekwestru jew arrest illegali tal-persuna, li ghalih hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn seba` xhur sa` sentejn, bil-proviso li 'fil-kazijiet hfief' Il-Qorti tista` tiddeciedi li taghti prigunerija minn xahar sa` tliet xhur jew inkella multa;

Illi la darba l-akkuzi kienu jinkludu l-aggravju taht l-artikolu 87(1)(g), l-appellat ammetta l-akkuzi kollha bla riservi u allura ovvjament ammetta wkoll ghall-akkuza ta' sekwestru tal-persuna hekk kif aggravate, l-esponent jissottometti li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija kjarament wahda illegali

u manifestament miti, fid-dawl tal-ammissjoni tal-appellat ghall-aggravanti stipulate mill-artikolu 87(1)(g), kif dedott kontra l-istess;

Illi allura, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju suespost, it-tieni aggravju tal-esponent huw li, anki f'kaz li din l-ONorabbli Qorti ma joghgobhiex tilqa` l-ewwel aggravju, galadarba huwa fatt li l-ewwel Qorti skartat l-akkuza that l-artikolu 87(1)(g) (ghalkemm din giet ammessa) u per konsegwenza is-sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza kif aggravate lanqas biss gie rifless fil-piena li nghatat, ir-rizultat effettivament kien li tali piena, ictu oculi, ma hijiex fil-parametri tal-Ligi;

Illi l-artikolu 87(1)(g) jghid hekk:

*'Il-piena tad-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, tkun ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*jekk id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna;'*

Illi l-piena li kellha tinghata skond l-artikolu 87 ma setghetx tkun ta' inqas minn tlettax il-xahar prigunerija;

Illi allura anki f'dan il-kaz, ladarba l-arrest illegali kien aggravat u dan gie wkoll ammess, l-ewwel Onorabbli Qroti qatt ma setghet tikkundanna lill-appellat ghal prigunerijia ta' sitt xhur spospizi ghal-sena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat jahdem bhala driving instructor u f'Awwissu tal-elfejn u disgha (2009) kien qieghed jghallem lil Charmaine Fenech s-sengha tas-sewqan. Però jidher illi mar oltre dan u abbuza minnha fis-sens illi beda jdejjaqha sesswalment u anki ghamel xi mossa illi tista' titqies bhala attentat ghal pudur fuq il-persuna taghha. Ghalhekk, il-pulizija wara l-investigazzjonijiet taghhom ressqu lill-appellat il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. Mal-prezentata tieghu fl-ewwel (1) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellat wiegeb illi ma kienx

hati izda fis-seduta ta' wara fl-erbatax (14) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) hekk kif bdew jinstemghu l-provi l-appellat biddel id-dikjarazzjoni tieghu u irregistra ammissjoni. Dakinhar stess fl-erbatax (14) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) wara li l-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali, ghaddiet biex tikkundanna lill-appellat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-aggravji tieghu jikkonsistu fi tnejn, l-ewwel wahda kienet dwar in-nullità tas-sentenza peress illi minkejja illi l-appellat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, l-ewwel Qorti ma semmietx l-artikolu 87 tal-Kap. 9 li huma cirkostanzi aggravanti ghall-artikolu principali ta' sekwestru tal-persuna, l-artikolu 86 tal-istess Kap. 9. It-tieni aggravju jikkoncerna l-piena peress illi dik moghtija mill-Qorti hija differenti minn dik preskritta mil-ligi u kif argumenta l-Avukat Generali, dan ma kellux ikun anqas minn tlettax-il xahar prigunerija.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ssib illi l-artikolu 87 tal-Kap. 9 mhuwiex imsemmi izda l-artikolu principali tas-sekwestru tal-persuna huwa msemmi u l-Qorti ghaddiet biex tikkwota l-bqija tal-artikoli. L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddispondi illi, "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat." Huwa veru illi l-appellat ma kienx addebitat biss bis-sekwestru tal-persuna kif kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap. 9 izda ukoll bl-aggravju tieghu skont l-artikolu 87(1)(g). Din il-Qorti però jidhrilha illi minkejja illi l-ewwel Qorti ma ikkwotatx dan l-ahhar artikolu ma jfissirx illi s-sentenza taghha hija nulla. Ic-cirkostanzi aggravanti jirreferu dejjem ghar-reat principali li huwa dak 86 tal-Kap. 9 li gie msemmi mill-Qorti tal-

Magistrati fis-sentenza taghha. Din il-Qorti jidhrilha illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti kien "lapsus" illi seta' jigi evitat u l-Qorti messha qaghdet aktar attenta li tikkwota ukoll l-artikolu tac-ciskostanzi aggravanti. Però b'daqshekk ma jfissirx illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi dikjarata nulla meta wara kollox, semmiet l-artikolu li ikkontempla r-reat. Ir-reat proprja huwa kontemplat fl-artikolu 86 u mhux fl-artikolu 87. Kwindi ghall-fini ta' dan l-artikolu 382 l-ewwel Qorti mxiet skont id-dettami tal-istess artikolu meta ikkwotat l-artikolu tal-ligi li tikkontempla r-reat.

Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali u tiddikjara l-ewwel sentenza bhala valida ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Rigward it-tieni aggravju però l-Avukat Generali ghandu ragun. Minn dak stipulat fl-artikolu 87(1)(g) jidher illi z-zamma jew is-sekwestru ta' Charmaine Fenech kontra l-volontà taghha sabiex bhala mara jgieghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha kien igib piena minn tlettax-il xahar sa tlett snin, f'liema kaz allura huwa ovvju illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija taht il-minimu u ma setghetx tikkundanna lill-appellat ghall-perjodu ta' sitt xhur prigunerija biss. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi dan l-aggravju tal-Avukat Generali jisthoqq li jkun milhuq.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali, tilqa' t-tieni aggravju tieghu, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, tiddikjara li barra l-artikolu li jikkontempla r-reat cioé l-artikolu 86, issib illi l-appellat instab hati ukoll ta'

cirkostanzi aggravanti skont id-dispost tal-artikolu 87(1)(g) tal-Kap. 9 u minflok il-piena ta' sitt xhur sospizi ghal sena, tikkundanna lill-appellat ghal perjodu ta' prigunerija ta' tmintax-il (18) xahar, b'dana illi b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------